**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 16 ta' Ottubru 2015**

**Rikors numru 54/2015 (JVC)**

**Emanuela sive Lina Caruana**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku, Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Emanuela maghrufa bhala Lina Caruana fejn bil-gurament taghha kkonfermat:

1. Illi hija twieldet nhar l-erbgha (4) ta'April 1968 skont kif jikkonferma c-certifikat tat-twelid taghha hawn anness u markat bhala Dokument A, liema certifikat ghandu n-numru progressiv mija u tnax sbarra elf disa' mija u tmienja u sittin (112/1968).

2. Illi kif jirrizulta mill-istess Att tat-Twelid tar-rikorrenti fil-kolonna ntestata "ismijiet moghtijin" kif ukoll fil-kolonna ntestata "isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" fil-parti relattiva ghat-"taghrif dwar it-Tarbija", l-isem hemm indikat fiz-zewg kolonni huwa dak ta' "Emanuela";

3. Illi madanakollu ghalkemm isem ir-rikorrenti ufficjalment huwa ndikat bhala "Emanuela", hija qatt ma kienet maghrufa b'dan l-isem u qatt ma ssejhet b'dan l-isem. Anzi kemm mal-membri tal-familja taghha nkluz il-genituri taghha, ma' shabha u anke ma' hbiebha kif ukoll

f'dokumenti ufficjali hija dejjem kienet maghrufa u giet indikata bhala "Lina"; (dokumenti annessi u markati bhala Dokumenti B sa I);

4. Illi hija tixtieq li ssir il-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid taghha, u cioe' billi fil-parti "Taghrif dwar it-Tarbija" taht il-kolonni ntestati "Ismijiet moghtijn u isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" l-isem hemm indikat u cioe' Emanuela jigi sostitwit bl-isem Lina. Dan biex ikun jirrifletti l-istat ta' fatt li ilu ezistenti sa minn meta l-esponenti kienet ghadha daqsxejn ta' tifla, precizament li hija dejjem kienet maghrufa u ssejhet bhala Lina u mhux Emanuela;

5. Illi hija qeghdha tipprocedi b'din l-istanza bil-beneficcju tal-ghajnuna legali wara li nghatat d-debita awtorizazzjoni permezz ta' digriet datat sbatax ta' Gunju 2015 (Dokument J). Dan in vista li hija m'ghandhiex mezzi finanzjarji sufficjenti biex hija tkun tista' tqabbad Avukat tal-fiducja taghha.

Talbet li din il-Qorti:

1. Tordna korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' Emanuela Caruana att numru mija u tnax sbarra elf disa' mija u tmienja u sittin (112/1968) fis-sens li fil-parti Taghrif dwar it-Tarbija fil-kolonni ntestati Ismijiet moghtijin u Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha l-isem Emanuela jigi sostitwit bl-isem Lina.

Bl-ispejjez kontra l-intimat u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa msejjah.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku ta' Ghawdex fejn ikkonferma:

1. Illi preliminarjament a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta qabel is-smiegh tal-kawza b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern.

2. Illi fit-tieni lok, it-talbiet tar-rikorrenti qeghdin jigu opposti stante li ma tezistix il-htiega li ssir bidla fl-att tat-twelid tar-rikorrenti peress li l-isem Lina mhu xejn aktar ghajr abbrevjament tal-isem Emanuela, ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili per

Imhallef Philip Sciberras fl-ismijiet "Nardu Balzan Imqareb vs Direttur tar-Registru Pubbliku" deciza fit-30 ta' Gunju 2004.

3. Illi l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taht l-artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta mhijiex xi mizura ordinarja li hija miftuha ghall-inizjattiva diskrezzjonali tal-individwu. Ghall-kuntrarju din ix-xorta ta' azzjoni hija mizura straordinarja ghal skopijiet pubblici ntiza esklussivament biex telimina mill-imhuh tan-nies kull possibilta' ta' konfuzjoni u dizordni dwar l-identifikazzjoni ta' dak jew dik l-individwu. Kwindi l-awtorizazzjoni gudizzjali ta' bidla fl-isem m'ghandhiex tigi koncessa ghaliex ir-rikorrenti sempliciment tixtieq tbiddel isimha, izda tali awtorizazzjoni ghandha tinghata biss jekk jirrizulta li din mehtiega assolutament ghall-esigenza pubblika.

4. Illi bla pregudizzju ghas-sespost, it-talba tar-rikorrenti hija nsostenibbli ai termini tal-Artikolu 253(3) proviso tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Ili subordinatament bla hsara ghall-premess in kwantu jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti li gew dikjarati fir-rikors guramentat u fid-dokument hemm mehmuza.

6. Illi finalment u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti ta' l-esponenti u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza stanti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2015;

Semghet ix-xhieda u s-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-istess seduta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur konvenut hija sorvolata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Wara li l-Qorti rat id-dokumenti prezentati mill-attrici u semghet ix-xhieda mressqa tqis li huwa minnu dak dikjarat mill-attrici u cioe' li l-familja taghha, hbieb taghha u nies li jafuha lkoll jafuha bl-isem ta' 'Lina' u mhux Emanuela. L-istess karti tal-identita' taghha esebiti jindikawha bhala maghrufa bhala 'Lelina' u mhux Emanuela ghalkemm din il-Qorti ma fehmitx ir-raguni li l-isem tnizzel bhala Lelina u mhux Lina stante li hadd mix-xhieda ma semma' dan l-isem u lanqas dokumenti ohra li uhud minnhom huma ta' diversi snin ilu ma jirriflettu l-isem ta' Lelina. Il-Qorti izda ma taqbilx mal-attrici li dokumenti ufficcjali jirrikonoxxuha bhala 'Lina' stante li ma gie esebit l-ebda dokument f'dan is-sens, filwaqt li l-attrici zammet lura milli tesebixxi l-karta' tal-identita' taghha li turiha bhala Emanuela maghrufa bhala 'Lelina' u ghamlet dan biss meta mitluba mill-Qorti.

Illi l-artikolu 253 (2) ma jirrikjedix li l-attrici tipprova li l-isem Lina kien uzat jew rikonoxxut f'dokumenti ufficcjali izda huwa biss neccessarju li hija tressaq il-prova li l-isem Lina huwa l-isem li hija tuza mal-familja taghha u li hija konsistentement imsejha bih, prova li fil-fatt giet sodisfatta.

Illi d-Direttur konvenut ressaq l-eccezzjoni ai termini tal-artikolu 253 (2) proviso (Kap. 16) stante li skond id-Direttur l-isem 'Lina' huwa verzjoni mqassra tal-isem Emanuela u ghalhekk skont id-Direttur it-talba ma ghandhiex tigi milqugha. Din il-Qorti hasbet ferm fuq din l-eccezzjoni stante li verament wiehed *prima facie* jista' jigi zvijat fis-sens li jahseb li Lina huwa abbrevjazzjoni tal-isem Emanuela. Izda l-Qorti tqis li filwaqt li l-istem Lina jista' jkun l-abbrevjazzjoni ta' diversi ismijiet bhala Alina, Elena, Caroline, Adelina jew Madeline u cioe' ismijiet li jispiccaw bl-ittri 'lina' jew ittri simili, l-istem Emanuela huwa ferm 'il boghod milli jispicca bl-ittri 'lina'. Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mid-Direttur konvenut li l-isem 'Lina' huwa abbrevjazzjoni tal-isem Emanuela, se mai abbrevjazzjoni tieghu kien ikun 'Lela' izda zgur mhux 'Lina'. Ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi d-Direttur konvenut eccepixxa wkoll illi t-talba ma tistax tigi akkolta ai termini tal-artikolu 253 (3) proviso tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti fittxet dan il-'proviso' izda sabet li dan is-sub-artikolu ma jidher li ghandu l-ebda 'proviso'. Nonostante dan il-Qorti tifhem li probbabilment id-Direttur kien qed jaghmel referenza ghas-sub-artikolu 253 (3) per se li jirrikjedi li t-talba ghandha tinkludi wkoll talba sabiex 'il-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-registrazzjoni msemmija f'dan is-subartikolu jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess persuna u, fejn ikun hemm, ghall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna; liema atti jridu jigu ndikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattivi taghhom.' Din it-talba fil-fatt l-attrici ma ghamlithiex ghalkemm tressqu uliedha stess jixhdu f'dawn il-proceduri. Din il-Qorti filwaqt li tqis li zball bhal dan li potenzjalment jista' jwassal ghan-nullita' tal-procedura kollha kellu jigi evitat mill-attrici, fic-cirkustanzi ma tqisx li dan in-nuqqas ghandu jwassal awtomatikament ghac-cahda tat-talba kemm minhabba li l-eccezzjoni ma tindikax fil-fatt dan is-sub-artikolu izda 'proviso' li ma jezistix u anki ai fini ta' pratticita' u speditezza fil-proceduri gudizzjarji u ghalhekk l-attrici ghandha tinghata l-opportunita' li taghti l-informazzjoni mehtiega dwar uliedha u d-dixxendenti taghha f'terminu ta' ghaxart ijiem li ser jigi mpost minn din il-Qorti. Fin-nuqqas li l-attrici tottempera ruhha fit-terminu mpost mill-Qorti allura t-talbiet kollha taghha jigu meqjusa bhala michuda.

Il-Qorti tqis ukoll li l-konvenut ma ghandu l-ebda tort jew responsabbilta' ghall-fatt li l-attrici hija maghrufa bl-isem ta' 'Lina' u mhux dak indikat fuq ic-certifikat tat-twelid taghha 'Emanuela' u ghalhekk ma ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi u in linea ma' dak suespost, il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba tal-attrici kif isegwi:

(a) Tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' Emanuela Caruana, att numru mija u tnax sbarra elf disa' mija u tmienja u sittin (112/1968) fis-sens li fil-parti 'Taghrif dwar it-Tarbija" fil-kolonni ntestati "ismijiet moghtijin' u 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha', l-isem 'Emanuela' jigi sostitwit bl-isem 'Lina';

(b) Tordna l-korrezzjoni fl-atti civili ta' ulied u d-dixxendenti ta' Emanuela Caruana billi fil-kolonna fejn jidher l-isem 'Emanuela' jigi sostitwit bl-isem 'Lina' b'dan izda li l-Qorti qed timponi terminu ta' ghaxart ijiem mil-lum sabiex l-attrici tindika permezz ta' nota fl-atti u notifikata lir-Direttur konvenut l-atti civili kollha ta' uliedha u dixxendenti kollha tal-attrici jekk hemm liema atti ghandhom jigu ndikati bin-numru tal-att u s-sena relattiva taghhom.

F'kaz li l-attrici tonqos li tottempera ruhha ma' dak miltub minnha fit-terminu mpost mill-Qorti, wara t-trapass tat-terminu ndikat it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu meqjusa bhala michuda.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

(ft.) Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur